MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Numru 658/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafà)**

**vs.**

**Joseph Desira**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Desira ta’ tmienja u sittin (68) sena, bin John Mary u Mikelina nee’ Ellul, imwieled iz-Zejtun fis-16 ta’ Marzu 1944, residenti f’10, ‘Id-Dwejra’, Triq il-Marrubja, Zejtun, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 262144(M), akkuzat talli;

F’dawn il-Gzejjer, f’Ottubru 2011 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku

u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fil-paragrafu precedenti;

Fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-16 ta' Lulju 2012 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat, il-ko-operazzjoni tal-imputat mal-Pulizija u dak li wassal lill-imputat jikkometti r-reati addebitati lilu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 183, 184 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

B'riferenza ghat-talba sabiex l-imputat jigi kundannat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tichad tali talba stante li ma jirrizultax li gew imqabbda ebda esperti jew periti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------